# L-Akwedott

L-AKWEDOTT li parti sewwa minnu tinsab ġewwa Santa Venera, huwa bini ta' storja importanti. Il-bidu ta' l-istorja tiegħu beda minn lok imsejjaħ Diar Chandul. L-Akwedott issemma' għall-Gran Mastru Franċiż Fra Alof de Wignacourt (1601-1622) minħabba li kien wieħed mill-ftit Gran Mastri li daħħlu għall-ispejjeż meħtieġa.

Kien id-9 ta' Jannar 1610 meta l-inġinier Natale Tomasucci, patri Giżwita Messiniż, intgħażel biex jibda x-xogħol tal-bini biex l-ilma jiġi mwassal sa Ħ'Attard bil-kanal taħt l-art, iżda dan abbanduna l-proġett. Ix-xogħol tkompla mill-inġinier Bontadini de Bontadino minn Bologna mhejjun mill-arkitett Ġanni Attard u l-alliev tiegħu Tumas Dingli.

Minn lok imsejjaħ Diar Chandul, limiti tar-Rabat, sa Ħ'Attard l-ilma ġie mwassal fi ġwiebi taħt l-art. Minn Ħ'Attard, 'il quddiem inbnew l-arkati li minnhom kien igħaddi l-ilma. Dawn għadhom jidhru fit-triq tar-Rabat qrib l-Imrieħel u parti kbira li hi l-akbar biċċa preservata tajjeb tinsab ġewwa Santa Venera. Ix-xogħol fuq dan l-Akwedott dam sejjer ħames snin u sewa L12,905 li L3,333 inġabru mill-ifran ta' l-ordni u L9,572 ħallashom il-Gran Mastru Wignacourt. Fil-21 ta' April 1615 l-ilma twassal fil-Għajn tal-Pjazza fil-Belt fost il-ferħ tal-poplu.

Jifred dan l-Akwedott, kien hemm ark trijunfali fuq tlett arkati. Fl-aħħar gwerra dan intlaqat minn krane tas-servizzi Ingliżi u kompla tneħħa bl-iskuża tal-kumdità. Dan l-ark kien wieħed mill-isbaħ fi gżiritna. Tkun ħaġa mill-isbaħ jekk kemm il-darba din l-ark terġa' tinbena f'posta. Dan minħabba x-xogħol artistiku u antik li kien fih. Fuq dan l-ark kien hemm żewġ irħamiet. L-irħama li kienet tħares lejn Santa Venera tgħid hekk:

Sa' din il-Belt Valletta  
Deher mixħut bħal mejjet  
Issa jisqi minn ġewwa b'ilmijiet ir-ruħ  
Dak l-ewwel ilma li darba kien rieqed  
u bħalissa ġieri  
joħroġ bil-qawwa.

Fuq dan l-ark kien hemm tliet fleur de lys, kelma Franċiża li tfisser 'Fjur tal-ġilju'. It-tliet fjuriet tal-fleur de lys hija l-arma tal-Gran Mastru Wignacourt.

**Chris Falzon**